31983R2288

L 220/13 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 11.8.1983

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2288/83
tad-29 ta' Lulju 1983
li jistabbilixxi lista ta' sustanzi bioloġiċi jew kimiċi pprovduti fl-Artikolu 60(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 918/83 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' esenzjonijiet minn dazji doganali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 918/83 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjoni minn dazzju tad-dwana [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 143 tiegħu,

Billi l-Artikolu 60(1)(b) u (2) tar-Regolament (KEE) Nru 918/83 jipprovdi għal dħul b'eżenzjoni minn dazzju fuq l-importazzjoni ta' sustanzi bioloġiċi jew kimiċi impurtati esklussivament għal skopijiet mhux kummerċjali minn stabbilimenti pubbliċi, jew dawk id-dipartimenti ta' stabbiliment pubbliċi, jew minn stabbilimenti privati awtorizzati, li l-attività ewlenija tagħhom hija l-edukazzjoni jew ir-riċerka xjentifika; billi tali dħul b'eżenzjoni minn dazzju fuq l-importazzjoni huwa limitat, madankollu, għal sustanzi bioloġiċi u kimiċi li għalihom m'hemm l-ebda produzzjoni ekwivalenti fit-territorju tad-dwana tal-Komunità u li huma inklużi f'lista abbozzata skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 143(2) u (3) tar-Regolament hawn fuq imsemmi;

Billi skond informazzjoni miksuba mill-Istati Membri m'hemm l-ebda produzzjoni ekwivalenti fit-territorju ta' dwana tal-Komunità tas-sustanzi bioloġiċi jew kimiċi elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-Arranġamenti tad-*Duty Free*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Il-lista ta' sustanzi bioloġiċi jew kimiċi eleġibbli għal dħul b'eżenzjoni minn dazzju fuq l-importazzjoni pprovduta fl-Artikolu 60(1)(b) tar-Regolament (KEE) Nru 918/83 tinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1984.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Lulju 1983.

Għall-Kummissjoni

Karl-Heinz NARJES

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 105, tat-23.4.1983, p. 1.

L-ANNESS

Nru ta' Referenza	CCT Intestatura Nru	Deskrizzjoni
20273	29.01 A	3-Methylpent-1-ene
20274	29.01 A	4-Methylpent-1-ene
20275	29.01 A	2-Methylpent-2-ene
20276	29.01 A	3-Methylpent-2-ene
20277	29.01 A	4-Methylpent-2-ene
21154	29.01 A	Oct-2-ene
25634	29.01 C II	*P* — Mentha-1(7), 2-diene (Beta-Phellandrene)
14364	29.24 B	Decamethonium bromide (INN)
20641	29.27	1-Naphtonitrile
20642	29.27	2-Naphtonitrile
14769	29.02 C	4,4'-Dibromobiphenyl
17305	29.03 A	Ethyl methanesulphonate
22830	29.38 B I	Retinyl acetate
18892	29.05 A III	Myo-inositol (Meso-inositol)
21887	35.07	Phosphoglucomutase
19057	35.07	Lactate dehydrogenase
20193	29.10 B	Methyl-alpha-D-mannoside